MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 19/2024 LM

**Claude Degiorgio (K.I. nru. 434073M)**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Antonia Micallef (K.I. nru. 376178M)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenuta **Antonia Micallef (K.I. nru. 376178M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ottubru, 2024 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li

ddeċieda t-talbiet tal-attur **Claude Degiorgio (K.I. nru. 434073M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kontra tagħha kif ġej:

> *"Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-attur għall-ammont ta' tliet mija u tnejn u tmenin Euro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Euro (Eur 382.36).*
>
> *L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri huma a kariku tal-konvenuta."*

## Fatti

2. L-attur istitwixxa dawn il-proċeduri b'talab il-ħlas mingħand il-konvenuta spejjeż li huwa nkorra rigward l-edukazzjoni u s-saħħa tat-tifel minuri tal-partijiet.

## Mertu

3. L-attur spjega li hu u l-konvenuta huma legalment separati u ż-żwieġ tagħhom ġie annullat. Qal li fis-sentenza fejn il-Qorti ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, hija ordnat lill-konvenuta tħallas is-somma ta' €275 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri binhom, kif ukoll nofs l-ispejjeż mediċi u edukattivi tal-istess minuri. Qal li għalkemm il-manteniment jitħallas regolarment mill-konvenuta, din qatt ma tħallas l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni ta' binha, anki meta mitluba tagħmel dan, u spjega li huwa talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' €927.17 bħala sehemha mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Ftit wara li nbdew dawn il-proċeduri, l-attur irriduċa t-talba tiegħu għas-somma ta' €382.36.

## Is-Sentenza Appellata

4. It-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Ottubru, 2024, iddeċieda li l-konvenuta għandha tħallas lill-attur l-ammont ta' €382.36, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"__Ikkunsidra__*

*Ma hux kontestat bejn l-attur u l-konvenuta illi huma ġenituri ta' tifel bl-isem Miguel Degiorgio Micallef. Ma hux anqas kontestat bejn il-partijiet illi huma kienu miżżewġin u illi però sseparaw u anke ddivorzjaw permezz ta' sentenza datata 30 ta' Marzu, 2022 mogħtija mill-Onorabbli Qorti, u kopja tal-istess sentenza tinsab a fol. 2 sa 11.*

*Il-punt ta' diżgwid bejn il-partijiet huwa l-bilanċ dovut ta' sehem il-konvenuta mill-ispejjeż mediċi u edukattivi tal-minuri ulied il-partijiet skont is-sentenza tal-Onorabbli Qorti hawn fuq imsemmija.*

*__Il-kontumaċja tal-konvenuta__*

*Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata b'din it-talba fis-27 ta' Frar, 2024 (a fol. 21) b'dan illi t-Tribunal irid jeżamina jekk il-konvenuta setgħetx waqgħet fi stat ta' kontumaċja peress illi dan it-Tribunal jinnota illi Artikolu 4(1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 jipprovdi illi l-konvenuta kellha tippreżenta r-risposta tagħha fi żmien tmintax-il jum mid-data tan-notifika, u b'dan illi l-konvenuta naqset milli tagħmel dan f'dan il-każ.*

*Biss però, dan it-Tribunal jinnota illi l-elementi neċessarji sabiex ikun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Costantino Abela vs George Azzopardi** deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990 il-Qorti tal-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza"*. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi l-konvenuta dehret għas-seduta li kien imiss wara li ġiet hekk notifikata, u dan skont il-verbal datat 10 ta' April, 2024 (a fol. 22). Il-konvenuta wkoll ippreżentat ir-risposta tagħha fl-10 ta' April, 2024 (a fol. 23 sa 27).*

*Għaldaqstant, f'dan il-każ hu ċar mill-proċess illi l-konvenuta ma kienet qatt fi stat ta' kontumaċja u dan it-Tribunal jinnota wkoll illi tali punt legali qatt ma tressaq mill-ebda parti formanti minn dawn il-proċeduri tul dawn l-istess proċeduri.*

*<u>Spejjeż edukattivi u tas-saħħa</u>*

*Skont is-sentenza datata 30 ta' Marzu, 2022, l-Onorabbli Qorti iddeċidiet illi "* ... l-istess attriċi għandha tħallas dina s-somma, filwaqt li l-ispejjeż edukattivi u tas-saħħa għandhom jinqasmu bejn il-partijiet." *(a fol. 9). Tali fatt ma hux kontestat bejn il-partijiet. Fil-fatt, qabel ma saret l-ewwel seduta, il-konvenuta ħallset diversi ammonti minn dawn l-ispejjeż b'dan illi fil-fatt, l-attur irriduċa t-talba oriġinali għas-somma ta' tliet mija u tnejn u tmenin Euro u sitta u tletin ċenteżmu tal-Euro (Eur 382.36), u dan skont il-verbal datat 10 ta' April, 2024 (a fol. 22).*

*Il-konvenuta għamlet referenza għall-Artikolu 131 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi fuq is-setgħa tal-ġenituri fuq l-ulied, u fejn ukoll jipprovdi fis-sub-artikolu 2 illi "*Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj." *Dan l-Artikolu wkoll jipprovdi kull ġenitur x'jista' jagħmel jekk kemm-il darba ma jkunx hemm qbil bejn il-ġenituri, fosthom is-sub-artikolu 5 liema sub-artikolu jipprovdi illi:* "Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew." *Il-konvenuta ittentat targumenta illi l-ispejeż illi qed jitlob nofshom l-attur mhumiex imminenti jew ta' preġudizzju serju għat-tifel.*

*Min-naħa l-oħra, l-attur qal fl-affidavit tiegħu ppreżentat fl-20 ta' Mejju, 2024, u li jinsab a fol. 34 u 35, illi* "Ngħid ukoll li meta jiena nikkuntattja lil Antonia sabiex ninfurmaha b'xi spejjeż li jkunu saru jew fuq xi ħaġa li tirrigwarda lill-minuri, din qatt ma tirrispondi lura, u ħa nesebixxi diversi emails li jiena bagħattilha iżda min-naħa tagħha jidher li ma jkun hemm ebda risposta." *(a fol. 34) u fejn ippreżenta wkoll emails li kien bagħat lill-konvenuta. L-attur ikkonferma għal darb'oħra illi ma hemm ebda komunikazzjoni mal-konvenuta fix-xhieda tiegħu datata 24 ta' Ġunju, 2024, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 54, fejn xehed is-segwenti:*

"Dr Robert Thake: Mela Sur George (sic!) Degiorgio, ngħid sew illi komunikazzjoni verbali bejnek u Antonia m'hemmx?

Xhud: Le.

...

Dr Robert Thake: Issa naqblu li l-unika korrispondenza li hemm bejnietkom issir bl-email?

Xhud: Mhux bejnietna. L-uniku korrispondenza min-naħa tiegħi. Jien lanqas acknowledgment qatt ma rċievejt mingħandha din jiġifieri. Lanqas *through SMSs* li kemm-il darba bagħattilha jien ...".

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal jinnota illi ma jistax ikun applikabbli li l-Artikolu 131 ċitat mill-konvenuta u hawn fuq riferut u dan għaliex tali Artikolu jgħid illi f'każ ta' nuqqas ta' qbil, fejn dan in-nuqqas ta' qbil qatt ma seta' jseħħ f'dan il-każ ġialadarba l-konvenuta qatt ma tirrispondi lill-attur. Dan it-Tribunal jifhem illi n-nuqqas ta' qbil seta' jseħħ li kieku l-konvenuta kienet tirrispondi lura lill-attur li mhix taqbel mhux ma tirrispondi xejn, iktar u iktar meta hi konxja ta' dak li kienet iddeċidiet l-Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward tal-ispejjeż. Tali nuqqas ta' risposti iwasslu għall-aċċettazzjoni taċita min-naħa tal-konvenuta. Fil-fatt, il-konvenuta kienet ben konxja tal-emails li bagħatilha l-attur, u anke irċeviethom, illi fil-fatt irrispondiet fid-dettall fuqhom fit-8 ta' April, 2024 skont l-email tagħha li tinsab a fol. 37.*

*Inoltre, anke jekk kellu jkun l-argument illi l-attur kellu jimxi ma' dak provdut fl-Artikolu 131 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, hawn fuq imsemmi, huwa ferm importanti illi dan it-Tribunal jixtarr bir-reqqa dak provdut fis-sub-artikolu 5. Tali sub-artikolu ma jagħti ebda definizzjoni tal-kliem imminenti, preġudizzju, urġenti u ma jistgħux jistennew. F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal seta' jara mid-dokumentazzjoni ippreżentata mill-attur, u li tinsab a fol. 36 sa 51, illi l-ammont tal-ispejjeż illi l-attur qed jitlob jirrigwardaw strettament spejjeż edukattivi u ta' saħħa b'dan illi dan it-Tribunal iqis tali spejjeż bħala urġenti u ma jistgħux jistennew għaliex inkella tali dewmien ikun ta' preġudizzju qawwi lejn il-minuri.*

*Fil-fatt, dan it-Tribunal jifhem illi huwa prinċipju stabbilit illi l-ġenituri għandhom l-obbligu illi jmantnu lil uliedhom, u dan skont l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, dan it-Tribunal jifhem illi Artikolu 19 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara manteniment fhiex jikkonsisti, b'dan illi tali Artikolu 19(2) jagħmilha ċara illi "*Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom." *Għaldaqstant, it-Tribunal itenni illi d-dmir ta' ġenitur lejn uliedu hu kruċjali u l-interess tal-minuri hu dejjem suprem, hekk kif inhu ritenut fl-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fost oħrajn, fis-sentenza* ***MB vs U b'digriet tas-26 ta' Mejju, 2021 ġew nominati Dr Yanika Bugeja u PL Louisa Tufigno bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti SS*** *(fn. 1: 9 t'Ottubru, 2023, Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), (Ref: 98/2019)***,** *fejn l-Onorabbli Qorti qalet illi:*

"Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Illi fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet: Frances Farrugia vs Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju, 2017: 3

Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."

*B'dan illi l-konvenuta qatt ma tista' tinħeles mir-responsabbiltajiet tagħha.*

*Fir-rigward tal-ammont dovut mill-konvenuta lill-attur, dan it-Tribunal jinnota illi l-attur ippreżenta rendikont fid-dettall ta' dak li ħallset diġà l-konvenuta u dak li għadu dovut, flimkien mal-irċevuti rispettivi. Dan it-Tribunal jinnota illi ma hemmx irċevuti fir-rigward ta' dak immarkat bħala*

1. Teachers Christmas Gifts *(a fol. 40) b'dan illi però dan it-Tribunal jifhem illi tali irċevuta ma tkunx tista' tinġieb speċjalment meta tali flejjes ikunu ingħataw lil xi ħadd mill-klassi sabiex jinxtara rigal lill-għalliema rispettivi;*
2. School activities wallet *(a fol. 40) b'dan illi però l-attur xehed fl-24 ta' Ġunju, 2024 illi "*Dawk huma outings tal-iskola li Antonia għandha aċċess għalihom, li fejn jieħduh l-iskola ..." *(a fol. 58). B'dan illi dan it-Tribunal jista' jifhem għaliex ma kienx hemm irċevuti pprovduti u b'dan ukoll illi l-konvenuta ma qalitx illi tali* wallet *ma jeżistix fl-ebda punt tal-provi tagħha.*

*Ukoll dan it-Tribunal jinnota illi a fol. 41 hemm indikat* not paid medicinal medicine u paid printing (Geog & Physics note) *filwaqt illi a fol. 45 hemm indikat illi* paid *il-* medicinal medicine *u* not paid *l-irċevuta tal-Copyserv b'dan illi però l-konvenuta fil-verità ħallset dak li kien dovut skont l-irċevuta tal-Copyserv skont l-email tagħha datata 8 ta' April, 2024 li tinsab a fol. 37.*

*Inoltre, a fol. 40, hemm indikati erba' irċevuti taħt id-data 19 ta' Diċembru kollha mmarkati bħala* printing *li dawk jidhru li l-konvenuta ħallset nofshom skont l-email tagħha datata 8 ta' April, 2024 li tinsab a fol. 37. Għaldaqstant, tali irċevuti jridu jaqraw* paid.

*Fir-rigward tad-donazzjoni tal-iskola tal-minuri, il-konvenuta tisħaq illi ammont speċifiku sar qabel ma ngħatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti hawn fuq imsemmija. Però, dan it-Tribunal jirrileva illi l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta ikkonkludiet f'diversi sentenzi fosthom fis-sentenza* ***A B C vs l-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li ġew maħtura bħala Kuraturi Deputati b'digriet tat-30 ta' April, 2018 sabiex jirrappreżentaw lil D E*** *(fn. 2: 7 ta' Jannar, 2021, Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)(Ref: 2/2018) illi* "Jiġi rilevat li l-artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: "(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied." Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jiġu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta'

ġenituri miżżewġin, iżda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiż-żwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B", u ċjoe kull ġenitur, irrilevanti jekk hux miżżewġin o meno." *B'dan illi l-konvenuta qatt ma tista' targumenta illi hi ma hix obbligata tħallas dak li hu sehemha minn tali donazzjoni, iktar u iktar tal-fatt illi meta dan it-Tribunal iqis li l-partijiet kienu ilhom separati* de facto *qabel ma ngħatat is-sentenza għal snin sħaħ.*

*Fir-rigward tal-ammont dovut mill-konvenuta lill-attur ta' sehemha mill-ispejjeż indikati mill-attur, dan it-Tribunal jinnota l-ammont globali huwa ta' Eur 986.60 li diviżi bejn iż-żewġ ġenituri jammonta għal Eur 493.30 li minn dan is-sehem però l-konvenuta ħallset diġà l-ammont ta' Eur 87.50 b'dan illi l-konvenuta għad baqalha tħallas lill-attur għal nofs is-sehem l-ammont ta' Eur 405.80. B'dan illi però l-konvenut qed jitlob l-ammont ta' €ur 382.36 u għaldaqstant, dan it-Tribunal ser jilqa' fit-totalità tagħha tali ammont bħala dovut mill-konvenuta lill-attur."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-1 ta' Novembru, 2024, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"... tirriforma s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-14 ta' Ottubru, 2024 fl-ismijiet Claude Degiorgio vs Antonia Micallef billi tiċħad it-talbiet tal-attur.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur."*

6. Fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta qalet li t-Tribunal għamel żball loġiku meta qies li seta' biss ikun hemm nuqqas ta' qbil mal-appellanta li kieku din wieġbet għat-talbiet tal-appellat, mhux meta din għażlet li ma tirrispondi xejn.

7. L-appellat wieġeb billi qal li kienet l-appellanta li waqqfet kull forma ta' komunikazzjoni miegħu u ma' ibnu minuri, u għalhekk is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. L-appellanta qalet li t-Tribunal sejjes il-konsiderazzjonijiet kollha tiegħu fuq il-fatt li hija ma ppreżentat l-ebda risposta. Qalet li risposta tagħha dwar kwalsiasi spiża li seta' għamel l-appellat kienet tkun inutili, u dan għaliex l-ispiża kienet tkun laħqet saret, b'usurpazzjoni tad-dritt tagħha li teżerċita l-kustodja tagħha sabiex tieħu d-deċiżjonijiet, fosthom dwar is-saħħa u dwar l-edukazzjoni ta' binha. Qalet li kien ikun ta' xejn li hija turi nuqqas ta' qbil mal-appellat meta dan kien ikun diġà ħa deċiżjoni u għamel l-ispiża arbitrarjament u mingħajr ma ħa l-kunsens tagħha. L-appellanta saħqet li l-konklużjoni tat-Tribunal, li n-nuqqas ta' risposti min-naħa tagħha jammontaw għall-aċċettazzjoni taċita tagħha hija żbaljata, għaliex jekk persuna tkun diġà għamlet xi ħaġa, ir-reżistenza tal-persuna l-oħra għal dan il-*fait accompli* tkun għalxejn. Qalet li biex ikun hemm kunsens taċitu, l-ewwel irid ikun hemm talba għall-kunsens, liema talba fil-każ odjern qatt ma saret mill-parti l-oħra. L-appellanta saħqet li speċifikament b'riferiment għall-irċevuta tal-Kulleġġ Santu Wistin li tammonta għal €525, bħala donazzjoni għall-ewwel, it-tieni u t-tielet *term* għas-sena skolastika 2021-2022, hija għandha l-obbligu tħallas biss €87.50, li hija nofs l-ispiża tat-tielet term, li dik is-sena beda fil-25 ta' April, 2022. Qalet li l-ammonti l-oħra lkoll ġew inkorsi qabel ingħatat is-sentenza mertu ta' dawn il-proċeduri. L-appellanta saħqet li l-ispejjeż kollha li effettivament għadhom pendenti, huma spejjeż li jikkonċernaw attivitajiet extra-kurrikulari inkluż il-futbol, u li skont is-

sentenza msemmija mill-appellat, hija mhijiex obbligata tħallas l-ebda waħda minn dawk l-ispejjeż, inkluż għal żjarat għand it-tabib għal raġunijiet direttament relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari.

9. L-appellanta saħqet li hija bl-ebda mod ma trid li tinħeles mill-obbligi tagħha ta' ġenitur, u hija trid teżerċita d-dritt ta' kustodja tagħha, billi tipparteċipa f'deċiżjonijiet li jikkonċernaw is-saħħa u l-edukazzjoni ta' binha, u mhux sempliċement toħroġ il-flus wara li l-missier ikun ħa d-deċiżjonijiet b'mod unilaterali. Qalet li l-ispejjeż l-oħra li ma ħallsitx huma spejjeż li kellhom isiru bil-kunsens tal-partijiet, u huwa għalhekk li dawn ma ħallsithomx. L-appellanta qalet li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 131 tal-Kap. 16 tal-Liġijet ta' Malta, l-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu, u ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa għandha tiġi eżerċitata bil-kunsens taż-żewġ ġenituri. L-appellanta qalet li l-liġi tippermetti ċirkostanza waħda fejn ġenitur jista' jaġixxi waħdu mingħajr konsultazzjoni, u ċjoé fejn il-ġenitur irid jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew, f'każ ta' periklu imminenti jew ta' preġudizzju serju għall-minuri. Qalet li l-konsiderazzjoni tat-Tribunal li jekk spiża tirrigwarda l-edukazzjoni jew is-saħħa tal-minuri hija awtomatikament deċiżjoni urġenti sal-punt li ma hemmx il-ħtieġa ta' diskussjoni jew kunsens, hija legalment u fattwalment skorretta u perikoluża għaliex iġġib fix-xejn id-dritt ta' kustodja tal-parti l-oħra. L-appellanta qalet li żgur li l-leġislatur ma kellux l-intenzjoni li jeskludi ġenitur minn deċiżjonijiet dwar is-saħħa u l-edukazzjoni ta' uliedu bl-iskuża tal-urġenza. L-appellanta qalet li fil-każ odjern ma kien hemm ebda periklu imminenti jew xi forma ta' preġudizzju serju, u għalhekk l-appellat ma jistax jinjoraha għal kollox daqslikieku hi ma teżistix, u ta' dan m'għandux jiġi ppremjat bl-applikazzjoni ħażina tal-liġi. Żiedet tgħid li

parti mill-ispiża kienet għal suletti li swew €200, u l-appellat mar jordnahom ġimagħtejn wara li kienet saret il-vista medika għand it-tabib, liema fatt jindika li ma kien hemm l-ebda urġenza biex jinxtraw dawn is-suletti, u għalhekk dan kellu biżżejjed ħin biex jikkonsulta magħha qabel xtrahom. L-appellanta saħqet li f'dan il-każ l-appellat aġixxa mingħajr il-kunsens tagħha, ħa l-liġi b'idejh u neħħielha d-dritt li teżerċita l-kura u l-kustodja fil-konfront ta' binha. Qalet li għalhekk ladarba l-appellat ma aġixxiex skont il-liġi, l-azzjoni tiegħu hija vvizzjata. L-appellanta qalet li l-appellat ma ġab l-ebda prova li hija kienet intransiġenti, jew li hija injoratu meta huwa talab il-kunsens tagħha, u fil-fatt waqt il-kontro-eżami li sarlu, dan ikkonferma li qatt ma indenja ruħhu jitlob il-kunsens tagħha. L-appellanta saħqet li kieku d-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi kkonfermata, dan ikun qiegħed joħloq preċedent ikrah għaliex jinkoraġġixxi terzi persuni jagħmlu li jridu, meta dawn huma obbligati jikkonsultaw mal-ġenitur l-ieħor f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' deċiżjonijiet li jikkonċernaw lil uliedhom.

10. L-appellanta għamlet riferiment għall-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn dan tkellem dwar l-interess suprem tal-minuri, u qal li dan dejjem għandu jieħu preċedenza fuq id-drittijiet tal-ġenituri. Qalet li t-Tribunal mhuwiex is-Sezzjoni tal-Qorti tal-Familja tal-Qorti Ċivili, u għalhekk xogħlu mhux li jiddetermina x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Qalet li l-kunċett tal-aħjar interess tal-minuri qiegħed hemm sabiex jintuża mill-Qorti meta l-ġenituri ma jaqblux dwar xi aspett importanti fil-ħajja ta' uliedhom, u hawnhekk irid jiġi ppuntwalizzat in-nuqqas ta' qbil u mhux in-nuqqas ta' għarfien. Qalet li fil-każ odjern ma kienx hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet għaliex l-appellat ammetta li huwa qatt ma indenja jitkellem magħha. Qalet li l-appellat ma jistax jiġġustifika l-aġir

unilaterali u illegali tiegħu bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interess tal-minuri, u fi kwalunkwe każ it-Tribunal mhux adit bil-kompetenza li jiddeċiedi dwar l-aħjar interess tal-minuri. L-appellanta qalet li t-Tribunal kellu quddiemu talba għall-kundanna ta' ħlas abbażi ta' dritt mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), u dan id-dritt huwa suġġett għad-dritt li l-missier jitlob il-ħlas fl-eżerċizzju tal-kustodja tal-minuri. L-appellanta qalet li l-azzjoni tal-appellat mhijiex waħda ta' rivalsa, u għalhekk l-appellat mhuwiex qiegħed jitlob li jirkupra flusu wara li hija kienet inutilment intransiġenti a skapitu tat-tifel, iżda sitwazzjoni fejn l-appellat għamel li ried a skapitu tal-liġi u tad-drittijiet tagħha, u ta' dan ma bata ħadd għajr l-appellanta.

11. L-appellat wieġeb billi qal li jidher li bl-aġir tagħha l-appellanta mhijiex qiegħda tagħti każ ta' dak li huwa għaddej f'ħajjet binha, u jidher li din qatgħet qalbha minnu, tant hu hekk li lanqas biss tistaqsi dwar kif inhu. Qal li l-unika responsabbilità li teżerċita l-appellanta hija li tħallas il-manteniment li jsir permezz ta' ħlas dirett f'kont bankarju f'konformità mal-ordni tal-Qorti. L-appellat qal li meta l-appellanta tiġi biex tħallas l-ispejjeż relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni ta' binha, din taf li m'hemmx l-istess konsegwenzi bħal meta wieħed jonqos milli jħallas il-manteniment, u għalhekk iġġib kull skuża possibbli biex ma tħallasx. L-appellat qal li l-iskuża li ssemmi l-appellanta, li hija kienet tistenna li l-appellat jitlob il-kunsens tagħha qabel jagħmel ċerti spejjeż, hija waħda banali, għaliex l-ordni tal-Qorti tal-Familja kienet li l-appellanta għandha tħallas sehem ugwali għal dak li jħallas l-appellat għal kull spiża marbuta mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-minuri. Qal li l-ordni tal-Qorti imkien ma tgħid li l-appellat għandu bżonn xi permess speċjali biex jagħmel spejjeż neċessarji, speċjalment meta omm il-minuri hija assenti minn ħajjet binha. L-appellat qal li

huwa kemm-il darba pprova jikkomunika mal-appellanta, iżda hija baqgħet ma tipparteċipax, u kien għalhekk li huwa waqqaf il-komunikazzjoni magħha. Kompla jgħid li minkejja li huwa kien jinforma lill-appellanta bl-ispejjeż li kien qiegħed jagħmel, din qatt ma staqsiet għal liema raġuni binha kellu jittieħed għand it-tabib, u filwaqt li huwa qiegħed jaqdi l-obbligi tiegħu bħala ġenitur, fil-każ odjern huwa qiegħed jimla wkoll il-vojt li ħalliet l-omm. Saħaq li l-appellanta qiegħda tippretendi li huwa kellu joqgħod jibgħat l-*emails* jinfurmaha b'dak li kien qiegħed jiġri fil-ħajja ta' binhom, iżda l-appellanta ma ħassitx il-ħtieġa li twieġeb lura. L-appellat qal li minkejja li s-somma li l-appellanta kienet ikkundannata tħallas mit-Tribunal hija waħda żgħira, hija xorta waħda intavolat appell sabiex tevita li tħallas dak li huwa dovut minnha. Qal li bl-argument tal-appellanta, li ċerti deċiżjonijiet għandhom jittieħdu bil-kunsens taż-żewġ ġenituri flimkien, kieku l-minuri qatt ma jagħmel xejn f'ħajtu għaliex ir-risposti mingħand ommu ma jaslu qatt. Qal li huwa jaf minn liema tbatija jinsab għaddej ibnu għaliex ommu ma tridx taf bih, u apparti li l-appellanta la tkellem u lanqas tara lil binha, din issa qiegħda tfettaq sabiex tevita li jkollha x'taqsam ma' spejjeż li jikkonċernaw is-saħħa u l-edukazzjoni ta' binha. L-appellat qal li ibnu għandu bżonn kura medika minħabba fl-isport li jħobb u li jipprattika, għal liema prattika sportiva jieħu ħsieb li jħallas hu, anki b'sagrifiċċji għaliex huwa mhux dejjem ikun komdu li jħallas l-ispejjeż meħtieġa.

12. L-appellat qal illi filwaqt li l-appellanta titkellem dwar id-dritt tagħha li tiġi kkonsultata u dwar id-dritt li tipparteċipa fid-deċiżjonijiet li jittieħdu dwar binha, din nesiet li d-drittijiet iġibu magħhom id-dmirijiet. Qal ukoll li t-Tribunal kien korrett meta kkunsidra l-aħjar interess tal-minuri, għaliex id-deċiżjoni tal-Qorti

Ċivili Sezzjoni tal-Familja ittieħdet fl-aħjar interess tal-minuri, u t-Tribunal għal Talbiet Żgħar ipprova jattwa dik id-deċiżjoni f'dak li ddeċieda hu.

13. Il-Qorti tirrileva li mhuwiex minnu li l-appellat naqas milli jikkomunika mal-appellanta dwar l-ispejjeż li minn żmien għal żmien kien qiegħed jinkorri għal binhom minuri. L-appellanta tgħid li hija tiġi infurmata b'dawn l-ispejjeż wara li jkunu saru, iżda minn ħarsa imqar fuq fuq lejn in-natura tal-*emails* li l-appellat kien jibgħat lill-appellanta, għandu jirriżulta li din kienet jew ma tirrispondi xejn għat-talbiet ripetuti li kienu jsirulha, jew inkella tirrispondi b'mod xott ħafna li ma jikxef l-ebda emozzjoni min-naħa tagħha. Il-Qorti tinnota kif għat-talba għall-ħlas ta' vista medika li saret u għax-xiri ta' suletti speċjalizzati li kien jeħtieġ l-iben il-minuri tal-partijiet, l-appellanta ma wriet l-ebda sentiment, ma staqsiet xejn dwar ir-raġuni għalfejn tali vista kienet meħtieġa, u fir-rikors tal-appell tagħha spjegat li hija ma tridx tagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż għaliex dawn huma dwar il-prattika tal-futbol, u hija m'għandha l-ebda obbligu li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-attivitajiet extra-kurrikulari ta' binha. L-appellanta tgħid li hija qatt ma tiġi kkonsultata mill-appellat, li qatt ma jintalab il-kunsens tagħha qabel jittieħdu ċerti deċiżjonijiet mill-missier, imma l-Qorti tosserva li mill-atti ħareġ ċar li l-appellanta m'għandha l-ebda kuntatt ma' binha minuri, u l-korrispondenza mal-missier hija waħda ta' natura purament tranżazzjonali, u għalhekk l-appellat kellu raġun meta f'partijiet tax-xhieda tiegħu qal li kien iħossu li qiegħed jitkellem ma' ħajt kull darba li kien javviċina lill-appellanta sabiex jaqsam magħha xi suġġeriment dwar il-ħtiġijiet ta' binhom. Il-Qorti qieset ukoll li d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tobbliga liż-żewġ partijiet jagħmlu tajjeb ugwalment għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni ta' uliedhom, u li imkien f'din id-deċiżjoni ma jingħad li xi ħadd mill-

ġenituri jrid jikseb il-kunsens tal-parti l-oħra qabel jieħu ċerti deċiżjonijiet. Il-Qorti tqis li t-Tribunal kien korrett meta qies li kull spiża marbuta mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-ulied minuri hija ta' natura urġenti, u m'għandhiex tiddewwem. Ċertament li mhux fl-interess tal-minuri li f'ċirkostanza fejn dan għandu bżonn suletta partikolari sabiex ikun jista' jitħarreġ aħjar fl-isport li jipprattika, u tali bżonn ġie determinat wara vista medika, dan jitħalla mingħajr l-imsemmija suletta sakemm il-ġenituri tiegħu joqogħdu jintilfu f'battibekki bejniethom dwar jekk it-tifel għandux jibqa' jilgħab il-futbol jew jekk hux minnu li għandu bżonn is-suletta. Il-fatt li dawn is-suletti ġew ordnati ġimagħtejn wara li saret l-imsemmija vista medika ma jfissirx li ma kienx hemm urġenza biex dawn jinxtraw kif tallega l-appellanta, iżda jista' jagħti l-każ li l-missier kellu jieħu ż-żmien tiegħu sabiex ikun f'qagħda li jagħmel spiża bħal dik. Wara kollox l-appellat xehed li hu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri mingħajr ma jippretendi xejn mingħand l-appellanta, anki jekk ikun hemm xhur fejn jiffaċċja problemi finanzjarji biex jagħmel dan.

14. Il-Qorti tirrileva li anki t-Tribunal għal Talbiet Żgħar, fid-deċiżjoni tiegħu għandu jkun sensittiv u jżomm quddiem għajnejh l-aħjar interess tal-minuri. Fil-każ odjern it-talba tal-appellat kienet sabiex l-appellanta tiġi kkundannata tħallas somma flus, rappreżentanti spejjeż relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-wild minuri tal-partijiet. Is-sentenza tat-Tribunal ikkunsidrat l-interess suprem tal-minuri, kif kellha obbligu li tagħmel, partikolarment fil-parti tad-deċiżjoni fejn ikkunsidrat li kull spiża marbuta mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-minuri għandha titqies li hija ta' natura urġenti, u l-Qorti taqbel ma' dan ir-raġunament. Il-Qorti tosserva wkoll li parti sostanzjali mill-pretensjoni tal-appellat kienet dwar spejjeż ta' xiri ta' noti u riżorsi meħtieġa għall-istudju, u li

żgur li ma kienx fl-interess tat-tifel li dan ma jkollux il-flus meħtieġa biex ikun jista' jakkwista tali riżorsi, sakemm il-ġenituri tiegħu joqogħdu jiddibattu bejniethom. Is-sentenza appellata tgħid ċar li l-appellanta hija obbligata apparti l-manteniment, tħallas nofs l-ispejjeż mediċi u edukattivi ta' binha, u l-appellanta ma tistax tinħeles minn dan l-obbligu billi tgħid li hija mhijiex tiġi kkonsultata dwar dawn l-aspetti ta' ħajjet binha. Minn dak li osservat din il-Qorti mill-provi in atti, ma jidher li sar l-ebda tentattiv min-naħa tal-appellanta sabiex titlob spjega dettaljata mingħand l-appellat dwar it-talbiet li għamel għall-ħlasijiet pretiżi mingħandha, imqar fejn tali talbiet rigward visti għand speċjalisti mediċi, u għalhekk mhuwiex ġustifikat li hija tersaq quddiem din il-Qorti b'talba għar-revoka tas-sentenza tat-Tribunal meta kien hemm nuqqasijiet evidenti min-naħa tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell billi tiċħdu, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**